MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2013

Numru. 672/2012

**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**MICAELA CURMI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Micaela Curmi ta’ 20 sena, bint Michael u Theresa nee’ Camilleri, mwielda fl- 1 ta’ April 1993, residenti 5, St Georges, Triq Stanio, Qormi u detentrici tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 163393M;

Talli bejn is- 16 ta’ Gunju u d- 19 ta’ Gunju 2012 mill- fond 5, St Georges, Triq Stanio, Qormi, ikkommettiet serq ta’ gizirana tad- deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil- lok u bil- valur li jeccedi €232.93 izda ma jiskorrix €2,329.37 li sar ghad- detriment ta’ Michael Curmi u/jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------